MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 97/2007

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru: 97/07 JA.**

**A**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi fit-3 ta' Marzu, 2006 twieled C kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok. A).

2. Illi omm il-minuri, l-attriċi, hija mart il-konvenut assenti B pero’ hija *de facto* isseparata minnu. Fil-fatt pendenti quddiem din il-Qorti hemm proċeduri għall-annullament taż-żwieġ tagħhom (Ċit. Nru. 389/06).

3. Illi fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid il-konvenut B huwa mniżżel bħala l-missier naturali tat-tifel minuri msemmi, u dan minħabba l-presunzjoni li min jitnissel fiż-żwieġ hu presunt li hu wild il-konjuġi kif kontemplat fl-Artikolu 67 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta’ din il-kawża, il-missier naturali tal-minuri msemmi m’huwiex il-konvenut B.

Għaldaqstant l-esponent titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara li għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li l-konvenut B m’huwiex il-missier naturali tal-minuri C.

ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C billi, f’dik il-parti dedikatat għad-dettalji ta’ missier it-tarbija dawn jitħassru u jitniżżel illi huwa missier mhux magħruf.

Bl-ispejjeż u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-10 ta’ Mejju, 2007, li permezz tagħha l-Avukat Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B, u bil-ġurament il-Prokuratur Legali Luisa Tufigno qalet u kkonfermat:

1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriżervaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw ma’ l-assenti konvenut.

2. Illi għal dan l-iskop l-esponenti kitbu lill-avukat ta’ l-attriċi sabiex jingħataw kwalunkwe informazzjoni li hu u/jew l-attriċi għandhom dwar l-indirizz ta’ l-assenti.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta’ Mejju, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta’ fiżika bejn il-konjuġi u *cioe’* bejn l-intimat B u bejnha.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrent għandu jispeċifika x’għandu jkun il-kunjom tal-minuri fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni u jitlob korrezzjoni f’dak is-sens.

4. Illi r-rikorrent għandu jitlob li jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kliem “*the said*” għandhom jiġu kanċellati mill-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta’ l-omm.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota u r-risposta ġuramentata tal-konvenut B, ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett:

Illi l-esponenti detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru ________ kien iltaqa' ma' martu A ġewwa _______ fis-sena 2003;

Illi fil-fatt, ir-relazzjoni intima ta' bejniethom iffjorixxiet, tant illi fid-29 ta' Mejju, 2004, huma żżewġu bir-rit Musulman (Dok. A);

Illi ftit tax-xhur wara, u *cioe'* fis-26 ta' Lulju, 2004, il-kontendenti fformalizzaw iż-żwieġ tagħhom ġewwa r-Reġistru Pubbliku, Valletta (Dok. B);

Illi huma għexu bħala miżżewġin sa Settembru 2006, u fil-fatt twieled il-minuri C fit-_____________ (Dok. C);

Illi minħabba li sa l-aħħar ta' Settembru 2006 l-esponenti kellu relazzjonijiet intimi ma' martu, huwa dejjem assuma li l-minuri kien ibnu, u sa llum ma jistax jeskludi li fil-fatt huwa m'huwiex il-missier ta' ibnu minuri C;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2007 sabiex jirrappreżentaw lill-minuri C,

ippreżentata fl-4 ta' Ġunju, 2007 li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda jekk ikun il-każ.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu D intervjena fil-kawża.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-istess intervenut fil-kawża D, ippreżentata fit-18 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħha irrisponda umilment u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-esponent ġie awtorizzat jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ta' l-4 ta' Ottubru, 2007;

2. Illi l-esponent huwa l-missier naturali tal-minuri C li twieled _____________________;

3. Illi l-esponenti għandu interess li fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġi dikjarat li huwa l-missier naturali tal-minuri u jiġu nklużi d-dettalji kollha tiegħu;

4. Illi dan l-imsemmi minuri ġie konċepit f'kors ta' relazzjoni li l-esponenti kellu mar-rikorrenti A;

5. Illi l-esponenti qed jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' missier versu dan l-imsemmi minuri;

6. Illi l-paternita' ta' Issac tista' tiġi wkoll stabbilita b'testijiet ġenetiċi appożiti;

7. Illi b'referenza għall-ewwel talba tar-rikorrenti l-esponenti jiddikjara li huwa jaqbel li jiġi dikjarat illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-konvenut B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C;

8. Illi b'referenza għat-tieni talba tar-rikorrenti l-esponenti filwaqt li jaqbel li l-att tat-twelid tal-minuri jiġi emendat fis-sens li jitħassru d-dettalji tal-konvenut B huwa qed jopponi li t-tarbija jiġi dikjarat li huwa "missier mhux magħruf" b'dan li għandhom jitniżżlu d-dettalji kollha tiegħu f'dik il-parti li jitniżżlu d-dettalji tal-missier tal-minuri;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-2 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu ġie nominat Dr. Renald Blundell bħala espert tad-DNA u r-rapport ta' l-istess espert.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha fiż-żmien imsemmi, u *cioe'* meta l-partijiet kienu separati *de facto*, hija ta' ħaddieħor. Il-konvenut B ikkontesta dan iżda da parti tiegħu l-intervenut aċċetta li l-minuri huwa ibnu. Eventwalment matul il-kors tal-kawża t-test xjentifiku kkonferma li l-missier huwa l-intervenut.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża, *in vista* tat-test xjentifiku.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi u għalhekk;**

**1. tiddikjara li l-konvenut B m'huwiex missier naturali tal-minuri msemmi fiċ-ċitazzjoni;**

**2. tilqa' t-tieni talba b'dan pero' li filwaqt li għandhom jitħassru d-dettalji tal-konvenut B, għandhom jitniżżlu dawk ta' l-intervenut fil-kawża u dan fi żmien għaxart ijiem minn meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat permezz ta' att ġudizzjarju bid-dettalji personali tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi iżda dawk ta' l-intervenut għandhom jitħallsu minnu stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------